



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2018)0082

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd UE/Comoros: denunzja ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tiddenunzja l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Comoros (14423/2017 – C8-0447/2017 – 2017/0241(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14423/2017),
 - wara li kkunsidra l-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Comoros¹,
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0447/2017),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġislattiva tiegħu tal-15 ta' Marzu 2018² dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0058/2018),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għad-denunzja tal-ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Unjoni tal-Comoros.

¹ ĠU L 290, 20.10.2006, p. 7.

² Testi adottati, P8_TA(2018)0083.